**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**GURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI GENERALI**

**MAGISTRAT**
**Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.), LL.D.**

**Seduta tat-2 ta' Mejju 2017**

**Rikors Guramentat numru 50/2016 (JVC)**

Saviour Grech

-vs-

Mary Josephine sive Marie Josette Portelli, Miriam mart Francis Rapa, Emanuel sive Noel Portelli, Maria Annunziata sive Alison mart Joseph Vella kemm f'isimha proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tal-imsiefra Antonia Sammut, Giulietta mart Saviour Cremona u b'digriet tat-2 ta' Settembru 2016 Dr. Deborah Mercieca giet mahtura bhala kuratur deputat sabiex tirraprezenta lill-imsiefer Joseph Grech

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat ta' Saviour Grech li ppremetta:

1. Illi Giovanna Grech, mart John Grech, bint il-mejtin Antonio Farrugia u Maria Antonia nee' Buttigieg, mietet fir-Rabat, Ghawdex fit-tletin (30) ta' April 1987. Hija rregolat il-wirt u s-successjoni taghha bis-sahha ta' testment *unica charta* datat dsatax (19) ta' Lulju 1979 ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppi Gauchi (GI 828/1979). Kopja tac-certifikat tal-mewt ta' Giovanna Grech u kopja tar-ricerki tat-testmenti pubblici u sigrieti taghha qeghdin jgu annessi u markati bhala Dokumenti A sa C.

2. Illi John Grech, armel ta' Giovanna nee' Farrugia, iben il-mejtin George Grech u Carmela Grech nee' Tabone miet fir-Rabat, Ghawdex fis-sittax (16) ta' Apri 1991. Huwa wkoll irregola l-wirt u s-successjoni tieghu bis-sahha tat-testment *unica charta* datat dsatax (19) ta' Lulju 1979 pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppi Gauchi (GI 828/1979). Kopja tac-certifikat tal-mewt ta' John Grech kif ukoll kopja tar-ricerki tat-testmenti pubblici u sigrieti huma annessi u markati bhala Dokument D sa F.

3. Illi miz-zwieg taghhom il-konjugi Grech kellhom hamest itfal Antonia li zzewget lil Antonio Sammut, Giorgia sive Gina li zzewget lil Francesco Portelli, Joseph, Saviour u Giulietta li zzewget lil Saviour Cremona. L-arblu geneologiku tal-familja ta' John u Giovanna konjugi Grech huwa anness u markat bhala dokument G.

4. Illi bis-sahha tat-testment tad-dsatax (19) ta' Lulju 1979 pubblikat fl-atti tan-Nutar Guseppi Cauchi Dokument H il-konjugi Grech innominaw lill-hames uliedhom flimkien ma' Maria Annunziata sive Alison Vella (it-tifla ta' Giorgia sive Gina mart Francesco Portelli) bhala eredi universali taghom fi kwoti ndaqs u ndivizi bejniethom, precizament fil-kwota ta' sesta parti (1/6) kull wiehed.

5. Illi d-denunzji mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni relattivi ghal John u Giovanna konjugi Grech gew debitament prezentati lill-istess Dipartiment. Kopji ta dawn id-denunzji huma annessi u markati bhala Dokumenti I u J rispettivament.

6. Illi Giorgia sive Gina Portelli gia mart Francesco Portelli u bin l-istess John u Giovanna konjugi Grech mietet fl-ghaxra ta' Mejju 2006 skont kif jikkonferma c-certifikat tal-mewt hawn anness u markat bhala dokument K. Giorgia sive Gina Portelli rregolat il-wirt u s-successjoni taghha permezz ta' zewg testmenti datati hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju 1999 u hamsa (5) ta' Mejju 2005 it-tnejn pubblikati fl-atti tan-Nutar Dottor Josianne Cini. Kopja tar-ricerki tat-testmenti pubblici u sigrieti ta' Giorgia sive Gina Portelli huma annessi u markati bhala Dokumenti L u M.

7. Illi bis-sahha tat-testment datat hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju 1999 Dokument N, liema testment gie konfermat bit-testment tal-

hamsa (5) ta' Mejju 2005 (Dokument O), Giorgia sive Gina Portelli nnominat bhala eredi universali taghha fi kwoti ndaqs u ndivizi bejniethom lil erba' uliedha precizament lil Emanuel sive Noel, Mary Josephine sive Marie Josette xebba, Miriam mart Francis Rapa u lil Maria Annunziata sive Alison mart Joseph Vella ahwa germani Portelli.

8. Illi l-kwoti spettanti lill-kontendenti mill-wirt u s-successjoni ta' John u Giovanna konjugi Grech huma kif indikat fid-dokument anness u markat bhala Dokument P.

9. Illi apparti flus u oggetti mobbli ohra li jista' jkun hemm ghad-divizjoni sa fejn jaf l-esponenti l-unika proprjeta' mmobbli li hemm ghad-divizjoni hija d-dar ufficjalment markata bin-numru sittax Triq Agius De Soldanis, Rabat, Ghawdex liema dar giet stmata li tiswa mija u sittax-il elf u hames mitt ewro (€116,500) mill-perit Emanuel Vella. Kopja ta' l-istima redatta mill-istess Perit Vella hija annessa u markata bhal Dokument Q.

10. Illi r-rikorrent ma jridx jibqa' aktar fi stat ta' komunjoni flimkien mal-intimati tal-beni provenjenti lilu mill-wirt u s-successjoni ta' John u Giovanna konjugi Grech.

11. Illi minkejja li l-intimati gew interpellati permezz ta' ittri interpellatorji datati erbatax ta' Ottubru 2010 u erbgha u ghoxrin ta' Novembru 2015 (kopji annessi bhala Dokument R u S rispettivament) u permezz ta' l-ittra ufficjali tas-sbatax ta' Mejju 2011, ittra ufficjali numru 323/2011 (kopja annessa bhala Dokument T) ghal-likwidazzjoni u d-divizjoni ta' l-assi formanti parti mill-ereditajiet ta' John u Giovanna konjugi Grech, l-intimati baqghu nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talab li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tillikwida l-beni gia formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti tal-mejtin John u Giovanna konjugi Grech billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk il-beni u assi illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Tiddividi din il-komunjoni ta' l-akkwisti f'zewg porzjonijiet ugwali illi jigu assenjati wahda kull wiehed lill-assi partikolari ta' John Grech u lill-assi partikolari ta' Giovanna Grech.

3. Tillikwida l-beni partikolari ta' John Grech billi tiddikajra illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilu kif fuq inghad, u dawk l-assi parafernali illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Tillikwida l-beni partikolari ta' Giovanna Grech billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilha kif fuq inghad, u dawk l-assi parafernali illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

5. Tiddividi l-beni kontenuti fl-assi ereditarji ta' John u Giovanna konjugi Grech f'sitt porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda kull wiehed lil (i) Saviour Grech; (ii) l-eredi ta' Giorgia sive Gina Portelli u cioe' Mary Josephine sive Marie Josette Portelli, Miriam mart Francis Rapa, Emanuel sive Noel Portelli u Maria Annunziata sive Alison mart Joseph Vella; (iii) Antonia Sammut; (iv) Maria Annunziata sive Alison mart Joseph Vella; (v) Giulietta Cremona; (vi) kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsiefer Joseph Grech biex b'hekk kull wiehed mill-kontendenti jkollu l-kwota ndikata fid-Dokument P anness ma' dan ir-rikors guramentat.

6. Tahtar Nutar pubbliku u tiffissa il-jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-opportun att tad-divizjoni tal-assi ereditarji hekk rizultanti, bl-intervent ta' kuraturi nominandi sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

7. Fin-nuqqas, f'kaz illi jirrizulta illi l-beni mhumiex kommodament divizibbli bejn il-kontendenti, tordna l-licitazzjoni tal-istess beni bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji sabiex ir-rikavat jigi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwota lilhom spettanti kif fuq inghad.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri nterpellatorja tal-14 ta' Ottubru 2010 u tal-24 ta' Novembru 2015 u tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Mejju 2011, ittra ufficjali numru 323/2011 konta l-konvenuti.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huma ngunti.

Rat ir-risposta Guramentata ta' Giulietta Grech fejn ikkonfermat:

1. Illi hija qatt ma oggezzjonat ghad-divizjoni tal-assi in kwistjoni li, kif dikjarat tajjeb mill-attur fir-rikors promutur, huma mizmuma in komproprjeta' fi kwoti ndivizi u wgali bejn il-partijiet f'din il-procedura.

2. Illi anzi l-konvenuta dejjem u f'kull waqt kienet disponibbli sabiex tghin halli ssir tali divizjoni, sabiex tikkunsidra kwalunkwe offerta kredibbli mghoddija mill-attur ghal divizjoni bonarja (li dejjem baqghet nieqsa) u li finalment tasal ghall-ftehim bonarju izda baqa' qatt ma kien hemm offerti konkreti mis-suq ghal tali bejgh ta' assi u divizjoni tal-beni.

3. Illi altru milli l-konvenuta m'ghandhiex issofri l-ispejjez ta' din il-kawza proprju ghaliex hija dejjem kienet disponibbli ghal divizjoni bonarja. Illi ma jista' jkun hemm l-ebda prova ahjar ta' dan il-fatt milli r-risposti mibghuta bil-miktub mill-konvenuta lill-attur fejn dejjem uriet id-disponibilta' sabiex tasal ghall-ftehim bonarju. Ara risposta datata 30 ta' Mejju 2011 (hawn annessa u mmarkata bhala Dokument JC1) ghall-ittra ufficjali datata 17 ta' Mejju 2011 numerata 323/2011 (annessa u mmarkata mar-rikors promutur bhala dok T); ukoll risposta datata 19 ta' Gunju 2011 (annessa u mmarkata bhala Dokument JC2).

4. Illi f'dan ir-rigward il-konvenuta hadet ukoll inizjattiva sabiex il-proprjeta' mmobbli parti mill-assi in komproprjeta'; tigi stmata u mitfugha fuq is-suq minn zewg estate agents, cioe' Frank Salt u Remax, kif ser jigi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

5. Illi l-intenzjoni u x-xewqa tal-konvenuta minn dejjem kienet u ghadha sal-lum wahda ossija li kull divizjoni bonarja jew gudizzjarja ssir naturalment b'mod li kull sehem diviz ikollu l-istess valur, skont il-ligi u sabiex l-ebda wiehed mill-ishma ma japprofitta minn fuq xi sehem iehor.

6. Illi kwindi l-konvenuta in principju ma topponix mat-talbiet kif dedotti mill-attur hlief illi tirrileva li tali qasma f'sitt ishma wgwali.

7. Illi l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sofferti interament mill-attur u/jew il-konvenuti l-ohra f'dawn il-proceduri peress illi kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni ta' din il-kawza, kien biss minhabba passivita' da parti tal-attur fil-konfront tad-disponibilita' tal-konvenuta li tasal ghall-ftehim u l-inizjattiva taghha illi tali divizjoni tal-assi kellha ssir gudizzjarjament u mhux bonarjament bejn il-partijiet kif kien jiddetta l-buon sens u kif dejjem xtaq u ghadu jixtieq anke fil-mori ta' dawn il-proceduri illi jaghmel il-Bank konvenut.

Eccepiet:

a. Illi t-talbiet attrici kif dedotti mhumiex opposti mill-konvenuta dejjem jekk il-kwoti hekk divizi u assenjati lill-partijiet ikunu jirriflettu b'mod ezatt u ugwali bejniethom il-valur u l-potenzjal reali ta' kull sehem.

b. Illi l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sofferti nterament mill-attur u/jew il-konvenuti l-ohra f'dawn il-proceduri peress illi l-konvenuta m'ghandhiex tort li rrikjediet li dawn l-atti gudizzjarji jigu ntavolati fid-dawl tad-disponibilita' taghha sabiex tasal ghal divizjoni bonarja tal-assi mizmum in komproprjeta';

c. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur u/jew konvenut l-ohra f'dawn il-proceduri.

Rat ir-risposta Guramentata ta' l-Avukat Deborah Mercieca fejn ikkonfermat:

i. Illi l-esponenti mhix edotta mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghaldaqstant ma hijiex f'posizzjoni li tissolleva l-eccezzjonijiet kollha applikabbli skont il-Ligi. Difatti fil-prezent hija ma ghandha l-ebda indirizz li jippermettilha taghmel kuntatt ma' Joseph Grech. Ghalhekk l-esponenti nomine

qeghdha tirriserva illi tipprezenta risposta guramentata ulterjuri jekk u meta huwa jkun fil-pussess tal-informazzjoni kollha mertu tal-kaz. Pero' ghal kull buon fini hija qeghdha minn issa tikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti;

ii. Salvi u mpregudikati eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat izda li fil-verbal datat 23 ta' Frar, 2017 Dr. Deborah Mercieca ddikjarat li hija ghamlet kuntatt mal-konvenut Joseph Grech u li huwa m'ghandux oggezzjoni ghat-talbiet attrici.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Mary Josephine sive Marie Josette Portelli, Miriam Rapa, Emanuel sive Noel Portelli, Maria Annunziata sive Alison Vella kemm f'isimha kif ukoll fil-kwalita' taghha ta' mandatarja tal-imsiefra Antonia Sammut fejn ikkonfermaw:

1. Illi l-esponenti qatt m'opponew ghad-divizjoni mitluba kif sa jigi ppruvat fil-kors tal-kawza, u m'humiex qeghdin jopponu ruhhom ghat-talbiet attrici purche' li jigu verifikati l-kwoti li kull wiehed u wahda mill-partijiet ghandhom mill-wirtijiet in divizjoni u l-konsistenza tal-assi in divizjoni;

Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez ghandhom jigu sopportati bejn il-partijiet skont il-kwoti rispettivi taghhom inkluzi l-ispejjez tal-ittri nterpellatorji mibghuta mill-konvenuti tat-28 ta' Ottubru 2010, u tat-2 ta' Dicembru 2015, u tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Mejju 2011.

Rat id-dokumenti, affidavits u provi kollha fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-4 ta' April, 2017 l-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija kawza ta' divizjoni tal-eredita' ta' Giovanna Grech li giet nieqsa nhar it-30 ta' April, 1987 u r-ragel taghha John Grech li miet nhar

id-19 ta' Lulju, 1979. L-eredita' tad-decujus hija regolata bl-istess testment unica carta datat 19 ta' Lulju, 1979 esebit fl-atti.

Illi ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li l-uniku mmobbli f'din l-eredita' huwa l-fond li jgib l-indirizz 16, Triq Agius De Soldanis, Rabat, Ghawdex. Il-partijiet ukoll fl-ahhar verbal datat 4 ta' April, 2017 qablu li ghalkemm il-Perit Emanuel Vella (fol. 136-136) ta stima ta' din il-proprjeta' ghall-valur ta' mija u sittax-il elf u hames mitt euro (€116,500) ai fini ta' subbasta l-partijiet qablu li dan il-valur ghandu jittiehed bhala s-sittin fil-mija (60%) tal-valur tal-proprjeta'. Il-Qorti tqis li dan huwa gust anki ghaliex l-istima ta' dan l-immobbli saret lura fis-sena 2010.

Illi l-Perit Emanuel Vella fl-istess dikjarazzjoni tieghu a fol. 136 tal-process ikkonferma li l-fond in kwistjoni mhuwiex kommodament divizibbli f'sitt ishma.

Illi ghal dak li huma ishma l-partijiet ma jikkontestawx l-ishma kif indikati mill-attur a fol. 37 tal-process u ghaldaqstant din il-Qorti ser taghmel taghha l-istess dokument.

Illi ghalkemm fir-rikors guramentat jissemmew li jista' jkun hemm xi flus jew mobbli fl-eredita' in kwistjoni fl-atti ma tressqet l-ebda prova in sostenn ta' dawn il-pretensjonijiet u ghaldaqstant ma gewx pruvati.

Illi jidher li l-uniku kontestazzjoni bejn il-partijiet hija l-kwistjoni ta' spejjez tal-kawza stante li kull parti ssostni li n-nuqqas ta' ftehim ma kienx gej min-naha taghha izda mill-partijiet l-ohra u vice versa.

Stabbiliti l-fatti kollha suesposti l-Qorti ser tghaddi sabiex taghti d-decizjoni taghha.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tghaddi sabiex tiddeciedi l-kawza odjerna billi:

1. Tillikwida l-beni gia formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti tal-mejtin John u Giovanna konjugi Grech billi tiddikjara illi jikkonsistu biss

fil-fond li jgib l-indirizz 16, Triq Agius De Soldanis, Rabat, Ghawdex u ghalhekk jirrizulta li l-assi tad-decujus jikkonsistu f'nofs indiviz tal-proprjeta' ta' dan il-fond kull wiehed b'dana li t-tielet u r-raba talbiet attrici qed jigu milqguha billi tiddikjara illi l-beni partikolari ta' John Grech jikkonsistu fin-nofs indiviz ta' dan il-fond filwaqt li l-beni partikolari ta' Giovanna Grech jikkonsistu fin-nofs l-iehor indiviz tal-fond imsemmi;

2. Tichad il-hames u sitt talba attrici stante li jirrizulta li l-fond 16, Triq Agius De Soldanis, Rabat, Ghawdex mhux kommodament divizibbli;

3. Tilqa' s-seba' talba attrici u tordna l-licitazzjoni tal-fond bl-indirizz 16, Triq Agius De Soldanis, Rabat, Ghawdex bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji sabiex ir-rikavat jigi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwota lilhom b'dana li sittin fil-mija tal-valur tal-fond ai fini tal-licitazzjoni ghandha tittiehed li hija l-valur ta' mija u sittax-il elf u hames mitt euro (€116,500) sabiex ir-rikavat jigi maqsum bejn il-kontendenti skont l-ishma dikjarati a fol. 37 tal-process.

Mill-atti din il-Qorti ma tqisx li jezistu ragunijiet bizzejjed sabiex tiddikjara li l-ispejjez ghandhom jigu spartiti mhux b'mod ugwali bejn il-partijiet u tiddikjara li l-ispejjez ta' din il-kawza (u mhux tal-ittri li ntbaghtu bejn il-partijiet) inkluz dawk tal-bejgh b'licitazzjoni ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet kull wiehed skont is-sehem taghhom indikat fid-dokument a fol. 37 tal-process.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur